



**PROGRESS fl-azzjoni:  
Il-programm tal-UE  
dwar l-impjieg u s-solidarjetà  
soċjali 2007–2013**

Ewropa Soċjali



Il-Kummissjoni Ewropea

Din il-pubblikazzjoni hija sosnuta mill-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali — PROGRESS (2007–2013).

Dan il-programm huwa implimentat mill-Kummissjoni Ewropea. Għe stabbilit biex isostni finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-opportunitajiet indaq, u għaldaqstant jingħata kontribut f'dawn l-oqsma għall-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Il-Programm ta' seba' snin jimmira lejn il-partijiet interessati kollha li jistgħu jgħinu fit-tfassil tal-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni u politiki soċjali u dwar l-impjeg, li huma adegwati u effettivi fl-UE-27, fil-pajjiżi tal-EFTA u taż-ŻEE, u fil-pajjiżi kandidati u pre-kandidati tal-UE.

Għal aktar informazzjoni ara: <http://ec.europa.eu/progress>

PROGRESS fl-azzjoni:  
**II-programm tal-UE**  
**dwar l-impjegi u s-solidarjetà**  
**soċjali 2007–2013**

**II-Kummissjoni Ewropea**

id-Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni

Taqsim 01

Manuskritt li tlesta f'Awwissu 2011

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni ma huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© Ritratt tal-qoxra: 123RF

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni Ewropea, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek  
issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek  
dwar l-Unjoni Ewropea

**Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (\*):**  
**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar kif ukoll astratt jinsabu fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-79-21076-1

doi:10.2767/41521

© L-Unjoni Ewropea, 2011

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA HIJLSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

# **Daħla**

## mid-Direttur Ġenerali

Matul l-aħħar deċenni, il-pajjiżi Ewropej għamlu passi kbar fl-immodernizzar tal-ekonomiji tagħhom u biex itejbu l-livell ta' għajxien tal-popli tagħhom. Jibqgħu sfidi kbar għat-kabbir ekonomiku filwaqt li tiġi żgurata l-koeżjoni soċjali u jitnaqqsu l-inugwaljanzi li għadhom jeżistu fis-soċjetajiet tagħna.



L-Istrateġija Ewropa 2020, ippreżentata fl-2010, turi l-mixja 'l quddiem għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. L-isforzi kollettivi tal-partijiet interessati kollha, kemm governattivi kif ukoll mhux governattivi, għandhom jiddeterminaw jekk din il-viżjoni ssirx realtà.

Kemm jekk fit-teknoloġija kif ukoll fid-demografija, l-ekonomija u s-soċjetà tagħna qed jiżviluppaw u qed jitfaċċaw sfidi ġodda. Huwa għalhekk essenzjali li l-prassi stabbilita tiġi evalwata mill-ġdid u b'rispons jissawru approċċi friski u innovattivi. Dan huwa l-għan tal-programm tal-UE dwar l-impjiegi u s-solidarjetà soċjali (PROGRESS). Bħala għodda għall-iżvilupp tal-politika, il-programm jiffaċilita l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni, u jipromwovi sħubija msaħħa bejn il-pajjiżi u l-partijiet interessati.

Aktar minn qatt qabel, jeħtieġ li niksbu riżultati massimi mill-investiment tagħna fl-impjiegi u l-inklużjoni soċjali. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata għal-kontabilità, filwaqt li tintegra l-esperjenzi miskuba fil-politika u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. PROGRESS huwa intiż fuq ir-riżultati u jaspira li jitrażmetti din l-attenzjoni fuq il-politika u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jinfluwenza.

Ċertament fadlilna triq twila biex nilħqu l-għanijiet li stabbilixxejna flimkien għall-2020. Madankollu, nilqa' din il-pubblikazzjoni li tenfasizza kif xi wħud mill-modi li PROGRESS u l-bażi wiesgħa tiegħu ta' partijiet interessati, qed jgħinu biex jiggwidaw il-politika tagħna u l-azzjoni fid-direzzjoni t-tajba.



**Koos Richelle**  
II-Kummissjoni Ewropea  
Direttur Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni



# Werrej

<b>Daħla</b>	<b>3</b>
<b>Introduzzjoni</b>	<b>6</b>
<b>L-għanijiet ta' PROGRESS</b>	<b>8</b>
1. Fuq medda twila ta' żmien: il-viżjoni Ewropa 2020	8
2. Fuq medda medja ta' żmien	8
3. Fuq medda qasira ta' żmien	9
<b>Eżempji ta' riżultati ta' PROGRESS fuq medda qasira ta' żmien</b>	<b>10</b>
1. Skambju ta' informazzjoni u tagħlim	10
2. Politika bbażata fuq l-evidenza	12
3. Dibattitu ta' kwalità għolja u parteċipatorju	14
4. Kapaċità akbar ta' netwerks	16
5. Integrazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali	17
<b>Parteċipazzjoni fi PROGRESS</b>	<b>18</b>
1. Min jista' japplika għall-fondi?	18
2. Kif jaħdem il-finanzjament?	19
<b>It-triq 'il quddiem</b>	<b>20</b>
1. Il-futur ta' PROGRESS	20
2. Aktar qari	21



# Introduzzjoni

Il-Programm tal-Unjoni Ewropea dwar l-impjegi u s-solidarjetà soċjali **PROGRESS** (2007–2013), huwa strument biex jappoġġja l-iżvilupp ta' impjegi innovattivi u effettivi u politika soċjali madwar l-Ewropa. Dan ħa post erba' programmi preċedenti ta' azzjoni biex jissimplifika l-finanzjament mill-UE, bl-għan li tiżded il-koerenza fil-ħames oqsma ta' politika li jappoġġja.

## Oqsma ta' politika appoġġjati minn PROGRESS

- L-impjegi
- L-inklużjoni soċjali u l-ħarsien soċjali
- Il-kundizzjonijiet tax-xogħol
- In-nuqqas ta' diskriminazzjoni
- L-ugwaljanza bejn is-sessi

L-għan ta' PROGRESS huwa li jappoġġja finanzjarjament l-isforzi tal-Istati Membri tal-UE biex tinbena soċjetà aktar koeżiva. Jippromwovi l-involviment tal-partijiet interessati rilevanti (inkluż l-imsieħba soċjali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) fil-proċess tat-tfassil tal-politika.

PROGRESS jaħdem fuq livell tal-UE u b'mod komplementari mal-Fond Soċjali Ewropew li jinvesti fl-implimentazzjoni tal-politika tax-xogħol u dik soċjali fl-Istati Membri individwali, partikolarment fir-reġjuni fejn l-iżvilupp ekonomiku għadu lura. Bħala tali, filwaqt li l-Fond Soċjali Ewropew jappoġġja proġetti konkreti fuq livell lokali u nazzjonali fl-oqsma tal-impjieg u dawk soċjali, PROGRESS huwa mmirat aktar speċifikament lejn proġetti fuq **livell politiku** fuq skala **madwar l-UE**.





## PROGRESS f'numri

programm ta' seba' snin 2007–2013.  
baġit ta' €683.25 miljun (1).

FI-2010 biss, PROGRESS appoġġja:

- 252 avvenimenti ta' informazzjoni u komunikazzjoni.
- 427 sessjoni ta' taħriġ, reviżjonijiet minn pari u avvenimenti ta' taħlim reċiproku.
- 161 rapport li jidentifikaw prassi tajba.
- 78 rapport ta' monitoraġġ u valutazzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-politika tal-UE.

## Approċċ strateġiku orjentat fuq riżultati

Il-Kummissjoni hija responsabbli biex turi l-kisbiet ta' PROGRESS lill-partijiet interessati Ewropej u nazzjonali. PROGRESS huwa implimentat premezz ta' approċċ ta' ġestjoni bbażat fuq riżultati. Dan l-approċċ ifisser monitoraġġ regolari tal-progress magħmul u t-fassil ta' taħlim għat-teħid ta' deċiżjonijiet futuri.

L-għanijiet tal-programm PROGRESS huma strutturati fi progressjoni loġika ta' riżultati fuq **medda qasira, medja u twila ta' żmien**. L-eżempji spjegati f'din il-pubblikazzjoni jiffokaw fuq l-għanijiet fuq **medda qasira ta' żmien** u kif dawn qed jintlaħqu fil-ħames oqsma ta' politika li jappoġġja l-programm PROGRESS.

1. Il-baġit oriġinali kien ta' €743.25 miljun. Minħabba l-kriżi finanzjarja, €60 miljun kienu sussegwentement allokati lill-faċilità Ewropea ta' mikrofinanzjament biex tiżied id-disponibilità u l-aċċessibilità tal-mikrofinanzjament għal gruppi vulnerabbli, mikrointrapriżi u l-ekonomija soċjali.



# L-għanijiet ta' PROGRESS

## 1. Fuq medda twila ta' żmien: il-viżjoni Ewropa 2020

### L-għanijiet ewlenin ta' Ewropa 2020 għall-impjegati u l-inklużjoni soċjali

- 75 % tan-nies bejn 20 u 64 sena jkunu impjegati.
- Ir-rati ta' studenti li jieqfu mill-iskola jkunu inqas minn 10 % u mhux inqas minn 40 % tal-ġenerazzjoni żagħżugħa jiksbu livell ta' edukazzjoni terzjarja.
- 20 miljun ruħ inqas għandhom ikunu f'riskju ta' faqar.

Fl-aħħar nett, PROGRESS jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020. Il-priorità għall-Istrateġija Ewropa 2020 hija t-tkabbir soċjali u ekonomiku li huwa **intelliġenti, sostenibbli u inklussiv**. Id-dimensjoni ta' "tkabbir inklussiv", b'attenzjoni partikolari fuq in-nisa, iż-żgħażaġh u ħaddiema akbar fl-età f'termini ta' aktar opportunitajiet ta' impjegati u taħriġ, huwa partikolarment rilevanti għal PROGRESS. Tliet inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020 jappoġġjaw b'mod partikolari dan l-aspett: l-**Aġenda għal ħiliet ġodda u l-impjegati, Youth on the Move u l-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar**.

Fl-2010, PROGRESS iffinanzja varjetà ta' studji u rapporti, konferenzi u seminars, statistiċi u prodotti oħra simili li kienu direttament inkorporati fil-formulazzjoni tal-għan "Tkabbir Inklussiv" tal-Istrateġija Ewropa 2020 u t-tliet inizjattivi ewlenin.

## 2. Fuq medda medja ta' żmien


L-istrateġija tal-programm PROGRESS tidentifika tliet għanijiet **intermedji** bħala skaluni u prekon-dizzjonijiet lejn l-għanijiet fit-tul (Ewropa 2020).

### L-applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-Istati Membri

Aktar minn 98 % tal-leġiżlazzjoni fl-oqsma tal-liġi tax-xogħol, is-saħħa u s-sigurtà, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-ugwaljanza bejn is-sessi hija trasposta fl-Istati Membri. PROGRESS ikkontrobwixxa għat-titjib tal-kwalità fl-inizjattivi tal-politika tal-Kummissjoni billi jassigura li huma mibnija fuq evidenza b'saħħitha kif ukoll billi jagħmel il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet iżjed aċċessibbli u jinvolvi firxa



© 123RF



wiesgħa ta' partijiet interessati. Għen biex jassigura applikazzjoni korretta u effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-Istati Membri bil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-provvediment ta' gwida u taħriġ.

### **Ftehim komuni u sens ta' sjieda fuq il-miri tal-UE**

PROGRESS għen fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' skambju ta' prassi tajba, filwaqt li tejjeb l-għarfien tagħhom fuq il-kwistjonijiet l-aktar urġenti permezz ta' tftixxija ta' fatti u ġbir ta' evidenza kif ukoll ipprova pjattaforma komuni biex jiġu diskussi l-kwistjonijiet.

### **Šhubiji effettivi u b'saħħithom mal-partijiet interessati nazzjonali u madwar l-Ewropa**

PROGRESS jinvolvi parteċipanti mhux governattivi u partijiet interessati ewlenin fil-proċess tat-tfassil tal-politika, sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu l-opinjoni tagħhom lill-politiċi permezz ta' dibattitu parteċipatorju ta' orjentazzjoni ta' kwalità għolja fuq livell tal-UE u dak nazzjonali. Il-programm ikkontribwixxa wkoll għat-tiżni tal-kapaċità ta' parteċipanti ewlenin mhux governattivi, permezz ta' appoġġ għal netwerks fuq livell tal-UE u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), sabiex ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw influwenza jew bidla fuq livell tal-UE u dak nazzjonali.

## **3. Fuq medda qasira ta' żmien**

L-istrategġja tal-programm PROGRESS tidentifika ħames għanijiet **immedjati** bħala passi fundamentali u prekondizzjonijiet għal għanijiet fuq medda medja u twila ta' żmien.

- Skambju ta' informazzjoni u taġlim
- Politika bbażata fuq l-evidenza
- Dibattitu ta' kwalità għolja u parteċipatorju
- Kapaċità akbar ta' netwerks
- L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali

Dawn li ġejjin huma eżempji ta' azzjonijiet ta' PROGRESS lejn dawn il-ħames għanijiet immedjati, fil-ħames oqsma differenti ta' politika appoġġjati.

L-eżempji juru kif il-programm qed jappoġġja l-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' impjeg u politika soċjali Ewropej, u kif partijiet interessati varji huma involuti fit-tfassil tal-politika fuq livell tal-UE u dak nazzjonali.



# Eżempji ta' riżultati ta' PROGRESS fuq medda qasira ta' żmien

## 1. Skambju ta' informazzjoni u taqħlim



### Impjiegi

**Il-promozzjoni intraprenditorja u impjiegi indipendenti madwar l-Ewropa:** Dan is-seminar ta' reviżjoni tematika sar f'Novembru 2010 fi Brussell fil-kuntest li tingħeleb il-kriżi ekonomika u tas-suq tax-xogħol.



### L-inklużjoni soċjali u l-ħarsien soċjali

**Esperimentazzjoni soċjali:** Żewġ sejħiet għal proposti fuq l-esperimentazzjoni soċjali kienu mnedija. Il-proġetti magħżula jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-ittestjar ta' approċċi soċjali innovattivi għall-prijoritajiet tal-politika soċjali miftiehmna taħt il-Metodu Soċjali Miftuħ ta' Koordinazzjoni, bħall-inklużjoni attiva ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-faqar tat-tfal, aċċessibilità aħjar, kwalità u vijabilità tal-kura tas-saħħa u kura fit-tul, il-ġlieda kontra l-esklużjoni fil-qasam tad-djar, u l-inklużjoni soċjali ta' migranti u minoritajiet etniċi, b'mod partikolari r-Roma.



### Il-kundizzjonijiet tax-xogħol

**Fora ta' ristrutturar:** Dawn huma mfassla bħala pjattaforma għall-iskambju ta' ideat u dibattitu dwar ir-ristrutturar ta' kumpaniji, u l-benefiċċji ta' ġestjoni proattiva u pożittiva tal-proċessi tal-bidla. Il-fora ta' ristrutturar jinvolvu kemm rappreżentanti pubbliċi kif ukoll privati. Għandhom rwol importanti fl-għajjnuna lill-unjonijiet tal-kummerċ, lin-negozji u lill-ħaddiema li jikkonfrontaw l-isfidi attwali. Fl-2010, il-fora kienu dwar **L-Impatt ta' Investituri Finanzjarji fuq l-Intrapriżi, Sħubijiet ġodda għall-protezzjoni tal-Impjiegi u Investiment fil-Benessri fuq ix-Xogħol.**



## In-nuqqas ta' diskriminazzjoni

**Seminars ta' taħriġ dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni:** Dawn kienu organizzati kull sena sa mill-2003 u huma mmirati fuq l-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-UE li jimpedixxu milli ssir kull forma ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' razza u etniċità, u kull forma ta' diskriminazzjoni fl-impjieg u x-xogħol għal raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

## L-ugwaljanza bejn is-sessi

**In-Netwerk Ewropew dwar in-Nisa fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet fil-Politika u l-Ekonomija:** Dan in-netwerk tnieda f'Ġunju 2008 biex jipprovdi pjattaforma fuq livell tal-UE għal strateġiji ta' suċċess biex itejjeb il-bilanċ bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet madwar l-Ewropa. Barra minn hekk, sabiex titjeb l-istatistika u jiġi sorveljat il-progress lejn bilanċ bejn is-sessi, il-Kummissjoni bniet database komprensiva dwar in-Nisa u l-Irġiel fit-Teħid tad-Deċiżjonijiet li jkopru l-oqsma politiċi, pubbliċi, ġuridiċi, soċjali u ekonomiċi fl-Ewropa.



## 2. Politika bbażata fuq l-evidenza

### L-impjegji

**Database statistika dwar il-politika tas-suq tax-xogħol:** Din hija miżmuma u aġġornata fuq bażi annwali u hija użata biex titqabbel il-politika tas-suq tax-xogħol tal-Istati Membri u b'hekk tissorvelja l-progress lejn l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjeggi. Pereżempju, id-database għenet tħares lejn kwistjonijiet bħall-ispejjeż tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol u pprovdiet evidenza li din il-politika mhix ir-raġuni prinċipali għall-isplużjoni tad-defiċit pubbliku.

### Il-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali

**Studju dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Soċjali bħala Għodda għall-Integrazzjoni tat-Tħassib tal-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali fil-Politika Pubblika fl-Istati Membri tal-UE:** Dan l-istudju jħares lejn il-modi differenti kif titwettaq valutazzjoni ta' impatt soċjali fl-Istati Membri tal-UE, u jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' sistemi effettivi ta' valutazzjoni tal-impatt soċjali u għall-analiżi effettiva tal-impatt soċjali.

### Il-kundizzjonijiet tax-xogħol

**Gwida mhux vinkolanti għal prassi tajba għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/10/KE "Storbju fuq ix-xogħol":** Din il-gwida għal prassi tajba tispjega kif l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-istorbju tista' tiġi mnaqqsa jew evitata. Il-gwida hija mmirata lejn Stati Membri, l-industriji u korpi interesati oħra, u tiddekrivi kif għandha tiġi segwita d-Direttiva dwar il-ħtiġijiet minimi u r-rekwiżiti ta' saħħa rigward l-espożizzjoni tal-ħaddiema għal riskji li jirriżultaw mill-istorbju.



© istockphoto

## **In-nuqqas ta' diskriminazzjoni**

**Studju dwar l-użu tal-età, id-diżabilità, is-sess, ir-reliġjon jew it-twemmin, ir-razza jew l-etniċità u l-orjentazzjoni sesswali f'servizzi finanzjarji:** Dan l-istudju kien ibbażat fuq id-diskriminazzjoni fis-setturi tal-assigurazzjoni u bankarji.

## **L-ugwaljanza bejn is-sessi**

**Id-Differenza fil-Pagi bejn is-Sessi fl-Ewropa minn Perspettiva Legali:** Dan ir-rapport tal-2010 minn netwerk ta' esperti legali fil-qasam, wera li l-ugwaljanza bejn is-sessi mhux prijorità fuq l-aġenda ta' ħafna gvernijiet ta' Stati Membri. L-evidenza hija użata primarjament internament mill-Kummissjoni biex tadotta, temenda u tissorvelja l-leġiżlazzjoni tal-UE, u wkoll biex tiżviluppa atti legali nazzjonali li jimplementaw il-leġiżlazzjoni tal-UE.



### 3. Dibattitu ta' kwalità għolja u parteċipatorju

#### L-impjiegi

**Politika Attiva fis-Suq tax-Xogħol (ALMPs) għall-Istrateġija Ewropa 2020 — Modi biex nimxu 'l quddiem:** F'din il-konferenza, delegati mill-Istati Membri kollha nġabru biex jesploraw modi biex ALMPs attwali u futuri fl-UE jkunu jistgħu jiġu mkejla u bbażati fuq l-evidenza, jidentifikaw u jifhmu l-miżuri ALMP l-aktar effettivi, u jiddiskutu kif għandhom jiġu implimentati u mfassla miżuri ALMP futuri fi ħdan il-qafas tal-Istrateġija Ewropa 2020.

**Is-Servizzi Pubbliċi tax-Xogħol (PES) — Viżjoni għall-2020:** Din il-konferenza kellha l-għan li tagħti viżibbiltà u tippromwovi dibattitu dwar ir-rwol usa' tal-PSE, tiffoka fuq l-iżvilupp ta' mudell ġdid għall-PES u tippromwovi sinerġiji bejn l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi.

#### L-inklużjoni soċjali u l-ħarsien soċjali

**Konferenza ta' Kunsens dwar il-Kundizzjonijiet ta' Persuni mingħajr dar:** L-għan ta' din il-konferenza kienet li ġurija ta' partijiet interessati flimkien ma' tliet esperti fil-qasam jilħqu kunsens fir-rigward tal-kwistjonijiet differenti li jirrelataw mal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fl-Ewropa. Il-kunsens se jintuża biex tiġi żviluppata strateġija Ewropea biex tindirizza l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar.

**Diskussjoni Ewropea madwar mejda fuq il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali:** Dan huwa avveniment annwali fil-preżenza u l-parteċipazzjoni attiva ta' nies li jesperjenzaw il-faqar. Fl-2010, is-suġġett ċentrali għad-diskussjoni kien ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Inklużjoni Attiva, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni prattika tar-rakkomandazzjoni, bi tqabbil tal-prassi minn Stati Membri varji sabiex jintlaħqu konklużjonijiet dwar liema metodi jagħtu l-aħjar riżultati.





© 123RF

## Il-kundizzjonijiet tax-xogħol

**Hiċda iżjed fit-tul permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u modi ġodda tax-xogħol u l-organizzazzjoni tal-karriera:** Din il-konferenza ta' livell għoli, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u Eurofound, ħarset lejn metodi ġodda għall-organizzazzjoni tax-xogħol u l-bidliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Eżaminat il-kwistjoni tal-estensjoni tal-karriera tax-xogħol bħala rispons għall-isfidi demografiċi. Il-konferenza ħarset ukoll lejn metodi ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol u l-bidliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol.

## In-nuqqas ta' diskriminazzjoni

**Konferenza għall-Jum Ewropew tal-Persuni b'Diżabilità:** Din il-konferenza politika hija organizzata fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru kull sena, b'kooperazzjoni mal-Forum Ewropew dwar il-Persuni b'Diżabilità (EDF), biex tevalwa kif l-azzjoni u l-leġiżlazzjoni tal-UE jillhqu l-livell lokali. Il-konferenza tal-2010 pprovdiet eżempji tal-integrazzjoni tad-diżabilità fl-Ewropa u tat prominenza lill-kwistjonijiet relatati mar-rikonossiment reċiproku tad-diżabilità, il-mobilità tal-individwi u l-iskemi tas-sigurtà soċjali, u d-divertiment u l-kultura.

## L-ugwaljanza bejn is-sessi

**Il-ġlieda kontra d-differenza fil-pagi li tirrifletti l-inugwaljanzi professjonali bejn in-nisa u l-irġiel:** Din kienet konferenza tal-Presidenza Belġjana li saret f'Ottubru 2010. Riżultati tad-diskussjonijiet fil-fond ġew inklużi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-impenn u ż-żieda fl-azzjoni li tagħlaq id-diskrepanza fil-pagi bejn is-sessi.



## 4. Kapaċità akbar ta' networks

### L-inklużjoni soċjali u l-ħarsien soċjali

**Eurocities:** Dan in-netwerk jgħorbi flimkien il-gvernijiet lokali ta' aktar minn 140 belt kbira f'iżjed minn 30 pajjiż Ewropew. L-attivitajiet tiegħu jindirizzaw firxa wiesgħa ta' politika li tikkonċerna l-iżvilupp ekonomiku u l-politika ta' koeżjoni, il-provvista ta' servizzi pubbliċi, il-bdil fil-klima, l-enerġija u l-ambjent, it-trasport u l-mobilità, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, il-kultura, l-edukazzjoni, l-informazzjoni u s-soċjeta tal-għarfien, kif ukoll il-governanza u l-kooperazzjoni internazzjonali.

**In-Netwerk Ewropew Kontra l-Faqar:** Dan in-netwerk indipendenti li għe stabbilit fl-1990, huwa magħmul minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u gruppi involuti fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

### In-nuqqas ta' diskriminazzjoni

**In-Netwerk Ewropew Kontra r-Razziżmu (ENAR) u r-Rapporti dwar ir-Razziżmu fl-Ewropa** li saru reċentement: Dawn enfasizzaw li r-razziżmu għadu problema profonda fl-UE. L-ENAR ipproduċiet sejħa għall-azzjoni ta' disa' punti lill-Presidenza Belġjana biex tikkontribwixxi għall-bini ta' Ewropa ugwali għal kulħadd u sejħa għall-azzjoni ta' tliet punti lit-Trio ta' Presidenzi ta' Spanja, il-Belġju u l-Ungerija.



**Pjattaforma Ewropea għal Persuni ta' Età Akbar:** Din tiffoka fuq firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika li għandhom impatt fuq nies anzjani u rti-rati, inklużi kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni, l-impjieg ta' ħaddiema akbar u xjuħija attiva, il-ħarsien soċjali, ir-riformi tal-pensjonijiet, l-aċċessibilità għat-trasport pubbliku u l-ambjent mibni, u l-ICT.

**Equinet:** Dan in-netwerk, li jgħaqqad flimkienn 33 organizzazzjoni minn 28 pajjiż Ewropew, għandu l-għan li jikkontrabatti d-diskriminazzjoni bħala korp nazzjonali għall-ugwaljanza fuq medda ta' raġunijiet li jinkludu l-età, id-diżabbiltà, is-sess, ir-razza jew l-etniċità, ir-reliġjon jew it-twemmin, u l-orjentazzjoni sesswali. Equinet jistinka biex korpi ta' ugwaljanza jiksbu u jeżerċitaw il-potenzjal sħiħ tagħhom fuq livell ta' Stat Membru billi jsostni u jiżviluppa network bejn u pjattaforma għall-korpi ta' ugwaljanza fuq livell Ewropew.

## 5. Integrazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali

### L-ugwaljanza bejn is-sessi

**Il-Lobby Ewropew tan-Nisa:** Dan il-grupp huwa favur dimensjoni aktar qawwija tas-sessi fl-Ewropa 2020, u jipproponi li għandu jkun hemm impenn biex tingħalaq id-diskrepanza fil-pagi bejn is-sessi sal-2020 u li tiġi stabbilita mira ta' 40 % ta' nisa fuq il-bordijiet tal-intrapriżi. Sejjaħ għal sistema ta' monitoraġġ aħjar u valutazzjoni sistematika tal-impatt fuq is-sessi fil-politika, miri, referenzi u miżuri kollha tal-Istrateġija Ewropa 2020 futura.



# Parteċipazzjoni fi PROGRESS

## 1. Min jista' japplika għall-fondi?

Il-finanzjament minn PROGRESS huwa miftuħ għall-**Istati Membri tal-UE**, **pajjiżi EFTA/ŻEE**, u **pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali tal-UE**, sakemm ikun għe miftiehem Memorandum ta' Ftehim għall-parteċipazzjoni fil-programm.

It-tipi ta' organizzazzjonijiet li jistgħu japplikaw għall-finanzjament huma:

- L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali
- Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi
- L-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika
- L-entitajiet speċjalizzati, universitajiet u istituzzjonijiet tar-riċerka
- L-imsieħba soċjali u ekonomiċi
- NGOs
- Midja



© istockphoto

## 2. Kif jaħdem il-finanzjament?

L-attivitajiet differenti li PROGRESS se jiffinanzja huma elenkati fil-Pjan ta' Ħidma Annwali. Il-link jinsab fuq [www.ec.europa.eu/progress](http://www.ec.europa.eu/progress)

Il-finanzjament jingħata jew bl-**akkwist** (permezz ta' **sejħiet għall-offerti**) jew fil-forma ta' **għotjiet** (permezz ta' **sejħiet għall-proposti**).

PROGRESS **ma jiffinanzjax** proġetti individwali fuq talba jew fuq bażi ta' każ b'każ — kwalunkwe organizzazzjoni li qed tfitx finanzjament għandha tikkonsulta l-lista ta' attivitajiet fil-Pjan ta' Ħidma Annwali, tivverifika t-tip ta' attività, il-metodu ta' finanzjament u l-udjenza magħżula sabiex imbagħad tressaq applikazzjoni xierqa għall-finanzjament.

Fil-każ ta' għotjiet, il-prinċipju tal-programm huwa ta' **ko-finanzjament**. Dan ifisser li l-Kummissjoni tikkontribwixxi ċertu perċentwal tal-ispejjeż globali tal-proġett; ir-rimborż massimu li jista' jingħata huwa normalment ta' 80 %.



# It-triq 'il quddiem

## 1. Il-futur ta' PROGRESS

PROGRESS għandu jevolvi lil hinn mill-perjodu attwali tal-programm sabiex jippermetti lill-UE tappoġġja b'mod effettiv u effiċjenti lill-Istati Membri fit-twettiq tal-għanijiet tal-Ewropa 2020.

It-triq eżatta li għandha tiġi segwita tkun definita fuq il-bażi tal-proċess kontinwu ta' taġlim li huwa fil-qalba tal-approċċ ta' ġestjoni ta' PROGRESS ibbażat fuq riżultati. Madankollu, huwa ċar li l-enfasi għandha tinżamm fuq it-komplija tat-tisħiħ tas-sħubijiet fuq livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali u bejn il-parteċipanti kollha involuti fis-segwitu tal-għanijiet komuni għall-impjegji u l-inklużjoni soċjali. Aktar riċerka kontinwa u analiżi huma essenzjali biex jiġu żviluppatti, evalwati u sorveljati l-politika Ewropea soċjali u tal-impjegji u jsir progress lejn il-miri miftiehma.



## 2. Aktar qari

Biex issir taf aktar dwar kif jaħdem PROGRESS, żur is-sit tal-Kummissjoni Ewropea [www.ec.europa.eu/progress](http://www.ec.europa.eu/progress), fejn tista' ssib ukoll pubblikazzjonijiet oħra dwar il-programm:

- Fuljett u pubblikazzjoni aktar dettaljata dwar l-Istrateġija ta' Qafas PROGRESS ("Nassiguraw li PROGRESS jagħti riżultati").
- Rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-prestazzjoni.





Il-Kummissjoni Ewropea

**PROGRESS fl-azzjoni: Il-programm tal-UE dwar l-impjiegi u s-solidarjetà soċjali 2007–2013**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 — 21 pp. — 17.6 × 25 cm

ISBN 978-92-79-21076-1

doi:10.2767/41521

PROGRESS (2007–2013) huwa programm tal-UE għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali li twaqqaf sabiex jipprova sostenn finanzjarju li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020. Din il-pubblikazzjoni tispjega b'mod ġenerali l-oġġettivi fuq medda qasira u dawk fuq medda twila ta' żmien u tagħti bosta eżempji ta' kif il-programm qiegħed isostni l-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-impjiegi u l-politika soċjali Ewropea u kif id-diversi partijiet interessati huma involuti fit-tfassil tal-politika kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell tal-UE.

Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli f'format stampat bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.



## **KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet.  
Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mill-websajt (<http://ec.europa.eu>)  
jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 292942758.

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

### **Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea  
([http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)).

Jinteressawk il-**pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ġenerali  
għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn  
<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistiednuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi  
n-newsletter elettronika Social Europe tal-Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq  
<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

<http://ec.europa.eu/social>



[www.facebook.com/social europe](http://www.facebook.com/social europe)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-21076-1



9 789279 210761